MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2007

Talba Numru. 1464/2004

**Marco Spiteri**

**vs**

**Alexander Mallia**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tal-attur ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ mitejn u sittin Lira Maltin (LM260.00) rapprezentanti danni effettivament ikkagonati mill-konvenut in konnessjoni ma hsara li sar fl-*upholstery panel* tal-vettura tal-attur, tal-marka Peugeot bin-numru tar-registrazzjoni DMN-486 waqt li dina l-vettura kienet fil-kustodja tal-konvenut sabiex dan jaghmel xoghol fuqha ta’ *tinted glass* fuq ordni tal-konvenut stess u ghalhekk l-konvenut ghandu jigi kkundannat li jaghmel tajjeb ghad-danni hekk kagonati.

Bl-ispejjez u imghaxijiet legali inkluzi l-ispejjez ta' l-ittri legali datati 23 ta' April, 2004, 7 ta' Mejju, 2004 u 24 ta' Mejju, 2004 li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut li qal li t-talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda peress illi l-eccipjenti ma kkaguna ebda hsara fuq il-vettura tal-marka Peugeot bin-numru tar-registrazzjoni DMN-486 kif ser jirrizulta waqt il-kawza;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont mitlub huwa esagerat.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Bl-Ispejjez.

Ezamina d-doukmenti li gew prezentati fl-Atti tal-kawza.

Fuq talba tal-attur mhux opposta mill-konvenut gie appuntat Espert Tekniku Joe Anastasi fit-12 ta' Mejju, 2005 sabiex jisma x-xhieda, jezamina l-vettura fil-garaxx tal-konvenut, jaghmel access u jipprezenta rapport a spejjez provvizorjament tal-attur.

Ra x-xhieda ta' Adrian Scicluna Calleja, Marco Spiteri, Damian Spiteri, Joseph Martin, u sema u ra x-xhieda ta' Joe Anastasi (Perit Tekniku);

Ra n-Nota ta' Sottimossjonijet tal-attur u n-Nota risponsiva tal-konvenut;

Ra r-Rapport maghmul mill-Perit Tekninku Joe Anastasi;

Ra x-xhieda ta' Adrian Scicluna Spiteri li jadhdem ma Michael Attard Ltd importaturi tal-vetturi Peugets fejn ikkonferma illi mix-showroom ta' Michael Attard Ltd il-vettura kienet harget minghajr hsarat fl-*upoholstery*;

Ra x-xhieda tal-attur fejn spjega li xtaq jaghmel *tinted glass* fil-gnub ta' wara tal-vettura gdida li kien ghadu

kemm xtara u ta' dan ix-xoghol kien hallas ta' hamsa u tletin Lira Maltin (LM35.00). Waqt li kien qed isir ix-xoghol *tat-tinted glass* kien halla t-tifel tieghu mall-vettura. Meta l-hgieg kienu lesti il-konvenut kien wessiegh biex ma jmiss il-hgieg qabel jghaddu xi tlett ijiem. Il-konvenut kien intebah bil-hsarat fiz-zewg gnub ta' wara tal-vettura wara dawn it-tlett ijiem. Dawn il-hsarat kienu jikkonsistu f'tappezzerija imqatta' ezatt fejn il-hgiega;

Ra x-xhieda ta' Damian Spiteri iben il-konvenut fejn qal illi hu kien baqa' mall-konvenut sakemm itlesta' x-xoghol fuq il-hgieg tal-vettura. Imbaghad iggaraxjaw il-karozza ghal tlett ijiem skond l-istruzzjonijiet tal-konvenut u meta mar biex jahsel il-karozza intebah bil-hsara fit-tappezzerija taht il-hgieg tal-bibien. Ghalkemm Damian Spiteri kien baqa' fuq il-post ma kienx qed josserva x-xoghlijiet il-hin kollu. Zid ukoll illi l-qtugh *tal-film* ma jsirx kollu barra mill-vettura;

Sema' x-xhieda u ra r-rapport mahluf mill-Perit Tekniku, Joe Anastasi, nominat bi qbil miz-zewg partijiet fejn irrapporta lli ma kienx sab ebda provi konvincenti li l-konvenut kellu tort ghal hsara fil-vettura u li hu kien qed jixhed a bazi ta' x'intqal fix-xhieda fl-Atti kif ukoll fuq ix-xhieda li kien ha hu;

Minn analizi tax-xhieda u evalwazzjoni tal-provi esibiti, it-Tribunal jirrilleva lli trattandosi ta' zewg verzjonijiet konfliggenti, ikollha tirreferi u toqghod fuq id-deposizzjonijiet kontrastanti moghtija mill-partijiet u jestendi l-indagini tieghu fuq il-provi u x-xhieda tal-Espert Tekniku, Joe Anastasi li ghandhom iwassluha ghas-soluzzjoni gusta tal-vertenza.

L-attur jiddikjara lli kien ha l-karozza ghand il-konvenut sabiex jinstallalu *tinted glass*. It-Tappezzerija fil-vettura kienet ghadha tajba. Kien halla lil ibnu mall-karozza waqt li dawn ix-xoghlijiet kienu ghaddejjin. Ibnu kien qal illi

mhux veru lli x-xoghol fuq il-hgieg isir fuq barra u mhux fuq gewwa. Izda il-Perit Tekniku ikkonstata anke ma kompetituri tal-attur illi x-xoghol dejjem isir minn barra.

It-Tribunal, jirrileva lli fil-mument tal-konsenja l-attur ma ndunawx bil-hsarat minkejja l-fatt illi ibnu kien fil-garaxx tul ix-xoghlijiet u kien biss xi jumejn wara l-konsenja tal-akkadut illi l-attur induna bit-ticriet.

Mir-Rapport tal-Perit Tekniku mitlub mill-attur jirrizulta li fi kliemu, '…Ghalkemm il-hsarat fit-tappezzerija jidhru qishom dawk ta' xafra, ma hemm ebda indikazjoni jew prova li xi xafra intuzat fuq gewwa l-karozza in kwistjoni waqt it-tqeghid ta' *tinted glass film*….Il-process jidher illi sar skond is-sengha.'

Huwa fatt konstata illi iben l-attur baqa' fil-garaxx tul il-process tat-tqeghid *tat-tinted glass film* u ghalhekk kellu il-hin kollu sabiex jispezzjona ix-xoghol li kien qed issir. Il-fatt li baqa' hemm il-hin kollu huwa indikattiv tal-interess illi iben l-attur kellu li x-xoghol isir sewwa mill-attur. Tul il-process tat-tqieghid *tat-tinted galss film,* iben l-attur ma ndunax b'ebda nuqqas da parti mill-konvenut u mall-konsenja kien spezzjona x-xoghol.

Huwa fatt konstatat ukoll illi l-anqas l-attur ma kien nduna bit-ticriet mal-konsenja tal-vettura.

Il-Perit Tekniku xehed illi huwa ma kellu ebda prova konklussiva li l-hsarat setgha ghamilhom il-konvenut peress illi fi kliem il-Perit Tekniku ' ghax m'hemmx xhieda li gieghlni nikkonkludi hekk.' Il-Perit ibbaza l-konkluzjoni tieghu fuq ix-xhieda li ngabet quddiemu.'

Sabiex jasal ghal konkluzjoni gusta tal-vertenza ta' din il-kawza, it-Tribunal ha joqghod fuq il-provi migjuba

quddiemu kif ukoll fuq ir-rapport tal-Perit Tekniku Joe Anastasi.

Fic-cirkostanzi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jichad it-talba attrici minhabba nuqqas ta’ provi.

Spejjez a karigu tal-attur,

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------